MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 477/2006

**Pamela Mamo I.D. 530680 (M) u skond il-verbal tal-11 ta' Lulju 2006 l-ID Card ta' l-attrici ghandu jinqara 530682(M) u l-isem ta' l-attrici Pamela ghandu jigi sostitwit bil-kelma Daniela**

**Vs**

**Concetta Cacciattolo I.D. 73065 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Mejju 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' erbgha u tletin Liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm34.92), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill- attrici s-somma ta' erbgha u tletin Liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm34.92), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------